C/2025/2332

16.4.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11935 — CARLYLE / SK CAPITAL PARTNERS / BLUEBIRD)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/2332)

1. Fis-7 ta' April 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— The Carlyle Group Inc. ("Carlyle", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— SK Capital Investment VI, Ltd. ("SKCI VI", USA), ikkontrollata minn SK Capital Partners L.P. ("SK Capital Partners", l-Istati Uniti tal-Amerika)

— Bluebird bio, Inc. ("Bluebird", l-Istati Uniti tal-Amerika).

Carlyle u SK Capital Partners se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Bluebird kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Carlyle hija maniġer tal-assi alternattivi globali li tinvesti f'ekwità privata, kreditu globali, u soluzzjonijiet ta' investiment, inklużi l-proprjetà immobbli, ir-riżorsi naturali, u l-istrateġiji tal-fond ta' fondi,

— SK Capital Partners hija ditta tal-investiment privat iffukata fuq is-setturi tal-materjali u tal-kimika ta' speċjalità u tal-farmaċewtika,

— Bluebird hija primarjament attiva fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' terapiji tal-ġeni bl-għan li jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti tal-mard fil-livell ġenetiku. Bluebird hija attiva esklużivament fl-Istati Uniti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11935 — CARLYLE / SK CAPITAL PARTNERS / BLUEBIRD

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË